MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tat-30 ta' Marzu, 2004

Citazzjoni Numru. 225/2001/1

**Rose Degiorgio f'isimha proprju u fil-kwalita taghha ta' legittima rappresentatrici ta' binha minorenni Adrian Bouvet ghan-nom, fl-interess u in rappresentanza tal-istess, ammessa ghall-beneficcju tal-ghajnuna legali permezz ta' Digriet numru 116/00.**
**vs.**

**Direttur tar-Registru Pubbliku**
**u**
**Joe Bouvet**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici datata 9 ta' Frar 2001 (a fol. 1) fejn gie premess:-

Illi, fic-certifikat tat-twelid ta' Adrian Bouvet, iskritt fir-Registru Pubbliku bin-numru ta' Iskrizzjoni 1572/1997 (estratt ta' liema jinsab anness u mmarkat Dok. "A" fl-

inkartament), fil-kolonna ndikattiva ta’ isem il-missier dan gie indikat bhala Joseph Bouvet;

Illi, fil-fatt il-konvenut Joseph Bouvet iltaqa l-ewwel darba ma’ Rose Degiorgio meta din diga’ kellha sitt xhur tqala;

Illi, fil-fatt Adrain Bouvet huwa l-wild ta’ Rose Degiorgio, izda minn relazzjoni ohra li kellha ma’ ragel iehor u mhux mal-konvenut;

Illi, l-attrici ghandha nteress illi ssir id-debita korrezzjoni;

Illi, l-istess attrici talbat lil din l-Onorabbli Qorti sabiex ghar-ragunijiet premessi:-

1. Tordna lill-konvenut id-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jikkoregi c-certifikat li jgib in-numru ta’ Iskrizzjoni 1572/1997, liema certifikat jirreferixxi ghall-Adrian Bouvet, fis-sens illi fil-kolonna ndikattiva ta’ Isem u Kunjom u post tat-Twelid tal-Missier, tigi kancellata l-informazzjoni kollha hemm imnizzla u tigi sostitwita bil-kliem ‘Missier mhux maghruf’;

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti ingunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici, il-lista tax-xhieda u l-lista tad-dokumenti esebitti a fol. 3 tal-process.

Rat ir-rikors ta’ Rose Degorgio datat 18 ta’ Dicembru, 2000, fejn talbet li jigi gradwit lilha l-beneficju tal-Ghajnuna Legali.

Rat id-digriet datat 8 ta’ Jannar, 2001, fejn il-Qorti laqghat it-talba u assenjat lil Avukat Dr. Anthony Cutajar u lil Prokuratur Legali Mario Mifsud Bonnici bhala difensuri tar-rikorrenti.

Rat il-pubblikazzjoni fil-gazzetta tal-gvern skond il-ligi datata 20 ta’ Marzu 2001 u dik datata 8 ta’ Mejju 2001.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tad-Direttur tar-Registru Pubbliku datata 3 ta’ Settembru 2001 fejn ecceppixxa li:-

(1) Illi huwa mhux edott mill-fatti kif dikjarati fic-citazzjoni odjerna u ghalhekk jirrimetti ruhhu ghall-provi dwar it-talbiet u ghall-gudizzju ta' din il-Qorti.

(2) Illi qabel xejn ghandu jsir id-debitu avviz fil-Gazzetta tal-Gvern *ai termini* tal-**artikolu 254 tal-Kap 16.**

(3) Illi fi kwalunkwe kaz it-tibdil rikjest fl-atti mertu tal-kawza odjerna mhuwiex attribwibbli ghal xi nuqqas tal-konvenut ghaldaqstant ma ghandhux jigi soggett ghall-ispejjez.

(4) Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista ta' xhieda a fol. 18 u 19 tal-process.

Rat il-verbal datat 25 ta' Settembru 2001.

Rat l-avviz tal-Qorti datat 23 ta' Jannar 2002.

Rat l-avviz tal-Qorti datat 12 ta' April 2002, fejn il-Qorti ordnat li din il-kawza tigi differita quddiem l-Onor. Imhallef Raymond C. Pace LL.D.

Rat il-verbal datat 3 ta' Ottubru 2002.

Rat ir-rikors ta' Rose Degiorgio datat 14 ta' Novembru 2002, a fol. 26, fejn talbet umilment li n-notifika tal-konvenut issir wara l-hinijiet legali.

Rat id-digriet datat 18 ta' Novembru 2002, a fol. 27, fejn il-Qorti laqghat it-talba.

Rat il-verbal datat 11 ta' Dicembru 2002, fejn il-konvenut Joe Bouvet iddikjara li mhux missier il-minuri. Inghata digriet affidavit tal-partijiet b'terminu ta' 60 jum kull wiehed.

Rat in-nota tal-attrici Rose Degiorgio, datata 6 ta' Frar 2003, a fol. 31, li permezz taghha esibit l-affidavit taghha,

l-affidavit ta' ommha Tereza Degiorgio u l-affidavit ta' ohtha Mary Cassar.

Rat in-nota tal-konvenut id-Direttur tar-Registru Pubbliku, datata 17 ta' Frar, a fol 35, fejn irriservaw il-kontroezami tal-attrici Rose Degiorgio, ta' Tereza Degiorgio u ta' Mary Cassar.

Rat il-verbal datat 10 ta' April 2003, fejn Dr. Anthony Cutajar ghall-attrici ddikjara li ma ghandux provi izjed. Dr. Roma D'Alessandro ghall- konvenut id-Direttur tar-Registru Pubbliku talbet aktar zmien sabiex tirregola ruhha. Il-Qorti laqghat it-talba.

Rat il-verbal datat 28 ta' Mejju 2003, fejn il-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-30 ta' Marzu 2004.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat il-provi kollha prodotti.

Rat ir-rapport xjentifiku pprezentat.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

### (I) PROVI PRODOTTI.

Rat l-affidavits tal-attrici **Rose Degiorgio,** ta' omm l-attrici **Tereza Degiorgio** u ta' oht l-attrici **Mary Cassar**, li gew prezentati permezz ta' nota datata 6 ta' Frar 2003, tali affidavits jinsabu minn fol 32 sa fol 34 tal-process.

Illi mill-istess affidavit jirrizulta li l-attrici kellha relazzjoni ma' ragel ta' nazzjonalita' olandiza f'nofs Lulju 1996 u harget tqila u l-istess persuna telqet minn Malta hekk kif saret taf b'din it-tqala; wara hija qabdet relazzjoni mal-konvenut Joe Bouvet meta gja kellha sitt xhur tqala u marret tghix mieghu u t-tarbija giet registrata f'ismu bhala missier meta kulhadd kien jaf li dan ma setghax ikun. Dan

kollu kien ikkonfermat minn omm l-attrici Tereza Degiorgio u ukoll mnn Mary Cassar oht l-attrici.

Illi minbarra dan l-istess konvenut ammetta li l-istess tarbija ma kinitx tieghu.

## II) Apprezzament tal-Provi.

Illi l-attrici qed titlob lil din il-Qorti sabiex tiddikjara li binha Adrian Bouvet ma huwiex il-wild naturali u biologiku tal-konvenut Joe Bouvet u li konsegwentement tordna li l-paternita' tal-missier tigi kancellata u tinizzel bhala *"Missier mhux maghruf".*

Illi mill-provi prodotti f'din il-kawza – li l-partijiet kollha jidhru li jaqblu dwarhom, jirrizulta li l-attrici u l-konvenut Joe Bouvet iltaqghu lejn l-ahhar ta' Jannar tal-1997, meta hija kien diga kellha sitt xhur tqala. Il-konvenut ta kunjomu lit-tarbija ta' Rose Degiorgio ghax beza' minn dak li setghu jghidu l-genituri tieghu jekk isiru jafu li kien qed jghix ma' persuna li kienet tqila minn haddiehor.

Illi dan kollu huwa kkonfermat ukoll mid-dikjarazzjoni tal-konvenut Joe Bouvet li kkonferma li hu ma huwiex missier il-minuri Adrian Bouvet.

Illi ghalhekk abbazi tal-premess it-talbiet attrici ghandhom jigu milqugha.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi fuq ammissjoni tal-konvenut Joe Bouvet u fil-waqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut id-Direttur tar-Registru Pubbliku in kwantu biss l-eccezzjonijiet tieghu huma inkompatibbli ma' dak hawn deciz, **tilqa' t-talba attrici** b'dan illi:-

1. Tordna lill-konvenut id-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jikkoregi c-certifikat li jgib in-numru ta' Iskrizzjoni

1572/1997, liema certifikat jirreferixxi ghall-Adrian Bouvet, fis-sens illi fil-kolonna ndikattiva ta' Isem u Kunjom u post tat-Twelid tal-Missier, tigi kancellata l-informazzjoni kollha hemm imnizzla li tirreferi ghal Joe Bouvet u tigi sostitwita bil-kliem *"Missier mhux maghruf" stante* li fil-fatt Joe Bouvet ma huwiex il-missier tal-istess minuri.

Illi l-Qorti tordna ukoll *ai termini* tal-**Artikolu 256 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta** li kull korrezzjoni hawn ordnata ghandha ssir mid-Direttur tar-Registru Pubbliku fi zmien ghaxart (10) ijiem minn dak in-nhar li s-sentenza tghaddi f'gudikat u ghandha ssir bis-sahha ta' kopja vera tas-sentenza li tinghata lilu mir-Registratur tal-Qrati Superjuri, bil-mod preskritt fl-istess disposizzjonijiet tal-**Kap 16.**

Illi dwar il-kap tal-ispejjez dawn ghandhom jigu sopportati mill-attrici proprju.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------